MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1785/2004

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Grixti, sija bil-Polza u sija bil-Ligi, u l-istess Joseph Grixti**

**Vs**

**Johann Spiteri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija u sitta u tmenin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,186.83c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura ZEU 500 misjuqa minn Damian Grixti u proprjeta' ta' Joseph Grixti waqt li din kienet qieghda tinstaq fl-Industrial Estate ta' Hal Luqa fil-5 ta' Settembru, 2003 u giet involuta f'kollizjoni ma' vettura SAN 010 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghax l-incident stradali *de quo* ma kienx jahti ghall-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Damian Grixti, Joseph Grixti, PS 1439 John Tabone, Johann Spiteri u Victoria Ghirxi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Stephen Muscat ghall-atturi u Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kollizjoni sehhet fl-Industrial Estate ta' Hal Luqa.

Il-konvenut kien diehel gewwa l-Industrial Estate waqt li d-driver tal-karozza ta' l-attur kien hiereg. Biswit fejn sehh l-incident hemm Y-junction u l-konvenut ried jidhol mill-parti d-dritta tal-Y u jiehu s-sieq tan-naha tal-lemin ta' l-istess junction filwaqt li s-sewwieq tal-vettura ta' l-attur kien gej mis-sieq l-ohra ta' l-istess Y-junction. B'hekk iz-zewg karozzi riedu jittraversaw il-karreggjata ta' xulxin.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta car li l-kollizjoni sehhet ezatt fil-*point of intersection* tat-tlett toroq li jiffurmaw il-Y-junction.

Il-konvenut xehed illi qabel l-incident huwa waqaf magenb il-Guzi panel beater u meta ra li ma kienux gejjin karozzi, kien appik se jibda jsuq u giet il-karozza l-ohra ghal fuqu izda f'dan ir-rigward huwa gie kontradett mill-passiggiera tieghu Victoria Ghirxi li fil-fatt affermat illi fil-mument ta' l-incident il-konvenut kien gja' beda jsuq. Fil-fatt mid-dinamika ta' kif spiccaw il-vetturi, huwa evidenti li fil-fatt fir-realta' l-konvenut kien gja' beda jiehu l-karreggjata tal-Y-junction fin-naha tal-lemin tieghu.

Ghar-rigward tax-xhieda ta' Grixti, cjoe' s-sewwieq tal-karozza ta' l-attur, huwa qal li l-vettura tal-konvenut

qasmet ghal quddiemu izda huwa bbrejkja pero' xorta wahda sehh l-incident.

Iz-zewg sewwieqa, galadarba huma riedu jaqsmu l-karreggjata tat-traffiku li seta' kien gej mid-direzzjoni opposta biex jaqbdu parti ohra tal-Y-junction kienu obbligati illi hekk kif waslu biex jaqsmu l-inkrocju, jnaqqsu l-velocita', jesploraw sew li jistghu jaghmlu l-manuvra minnhom intentata minghajr xkiel u minghajr tahbit ghall-vetturi l-ohra u mbaghad wara li jaghmlu dan, jibqghu sejrin ghall-karreggjata li riedu jiehdu.

Huwa evidenti li l-konvenut, ghalkemm jidher li kien miexi bil-mod, ma kienx attent bizzejjed u m'accertax ruhu li jista' jaqsam il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta tant li ma rax il-vettura l-ohra gejja. Id-daqqa bejn iz-zewg vetturi hija wahda sostanzjali tant illi l-vettura tal-konvenut daret b'rizultat ta' l-impatt li turi li da parti tas-sewwieq tal-vettura ta' l-attur din kienet miexja b'certu velocita' li kien imprudenti f'Industrial Estate fejn wiehed ghandu jsuq b'mod kawt hafna.

It-Tribunal jidhirlu li z-zewg sewwieqa ma saqux b'mod prudenti u m'esplorawx sew it-triq qabel ma ntentaw jittraversaw l-inkrocju.

Tenut kont tac-cirkostanzi fuq imsemmija, t-Tribunal huwa tal-fehma illi z-zewg sewwieqa ghandhom responsabbilta' ugwali u ghalhekk it-talba ta' l-atturi ghandha tigi milqugha fi grad ta' nofs.

Ghar-rigward tad-danni m'hemmx kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm593.42c), li huwa nofs l-ammont mitlub, bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------